MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1311/2003

**Formosa Operators Ltd**

**Vs**

**J.J. Scerri Co. Ltd**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta’ Gunju 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex is-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ Lm1,496 (elf erba` mija sitta u disghin Lira Maltin) bhala rifuzzjoni ta’ merkanzija difettuza.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Is-socjeta` attrici titlob lis-socjeta` konvenuta thallas l-ammont kumplessiv ta’ elf erbgha mija u sitta u disghin Lira Maltin (Lm1,496) rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta’ Lm766 ir-rifuzjoni tal-prezz ta’ tlett ‘tumble dryers’ kif ukoll ‘top loader’ mibjughin lis-socjeta` attrici

mis-socjeta` konvenuta stess, liema makkinarju rrizultata difettuza, b'difetti latenti li s-socjeta` attrici ma kenitx konsapevoli taghhom meta gie affettwat il-bejgh in kwistjoni, u in kwantu ghall-ammont ta' Lm730 prezz ta' kiri ta' garage mikri mis-socjeta` attrici sabiex jinzamm l-istess makkinarju difettuz, sal-gurnata tal-lum.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata Marzu 2003 u l-mandati datati Gunju 2003 kontra s-socjeta` konvenuta li hija min issa ngunta sabiex tidher in subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

It-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi in linea preliminari jigi eccepit li dan it-Tribunal ma ghandux kompetenza ratione materiae sabiex tirnexxi t-talba attrici jrid jigi stabbilit jekk il-merkanzija hiex diffettuza.

Illi minghajr pregudizzju t-tumble dryers ma kienux difettuzi, is-socjeta` attrici uzat d-dryers kontra l-istruzzjonijiet specifici li inghataw lilha minn Michael Scerri; it-talba ghandha tigi michuda billi mhiex ai termini tal-artikolu 1427 tal-kodici Civili.

Bl-ispejjes u b'riserva ghal azzjoni ta' danni.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-azzjoni attrici si tratta ta' wahda ta' natura redibitorja billi l-oggetti huma affettwati minn difetti latenti. Din il-materja hija koperta bl-Art 1424-1452 tal-Kap 16. Il-crux tal-kwistjoni hija mpenjata fuq l-uzu taghhom ossia l-uzu da parti tas-socjeta` attrici rrendikorru inutilizzabbli ghax ma ntuzawx kif suppost.

"Ex admissis", l-ogetti kienu intizi ghal skopijiet domestici mentri s-socjeta` attrici ridithom ghal uzu ndustrijali fil-

lukanda taghha. Huwa sostnut mis-socjeta` konvenuta li kieku ntuzaw kif suppost, ma kienux jieqfu milli jahdmu. Di fatti l-hsara li kien ikollhom kienet minhabba “over loading” u xejn aktar. Kienet tkun ic-cinga.

Huwa disapunt illi l-volum domestiku huwa ferm anqas min dak industrijali. Il-prezz tal-oggett huwa ndikattiv. Il-versjoni konvenuta hija verosimili li billi ma setax ma jbieghux ghalkemm indikali ghal liema skop setgha jintuza. Hija responsabbilta tal-akkorriment li jara l-oggett li ser jixtri kien kapaci ghall-uzu intiz ghalih.

Illi ictu oculi huwa ossia li oggett intiz ghal uzu domestiku ma hux paragunabbli ghal dak lukandieri. Il-volum u frekwenza huwa ovvja. Ma jistax jinghad li l-oggetti akkwistati ma kienux tajbin u/jew oggetti minn xi difett latenti.

Relattivamnet ghat-talba ghal rifuzjoni ta’ kera mhallsa ghal magazzinagg, ghandhu jinghad li din it-talba mhux lecita li ssir. Fi kwalunkwe kaz l-kawza ghal rexxisjoni ta’ kuntratt ta’ bejgh u rifuzzjoni tal-prezz imhallas huwa licitat bit-talba li trid issir. Dawn mhux danni li jintalbu l-kaz ta’ mala fede izda sempliciment konvenjenza tal-okkurent ossia s-socjeta` attrici. Mhux hekk biss, izda sabiex taderixxi lil dan it-Tribunal, hija kellha tezimi ruhha minn kwalunkwe responsabbilta u tiddepozita l-oggetti taht l-Awtorita` tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Sede Civili). Flok ghamlet hekk kriet mahzen a riskju unikament taghha. F’din ic-cirkostanza biss setghet tirrilaxxa r-rifuzjoni tad-depozitu nkluz il-kirja.

Jiddeciedi billi jilqa` l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------